# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 77/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**EM**

**vs**

**KS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' EM, datat 12 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk :

1. *Illi l-esponenti izzewwget lill-intimat fil-11 ta' Lulju 2008 Dok A huwa ic-certifikat taz-zwieg ; minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.*

2. *Illi iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tant li l-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat 27 ta' Marzu, 2012 – Dok. B.*

3. *Illi intant il-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin mill-ahhar hamsa.*

4. *Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.*

5. *Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.*

6. *Illi dan kollu hu konfermat fl-affidavit anness – Dok C.*

7. *Illi l-attrici tixtieq tiprevalixxi ruuha mid-dritt li titlob u tottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha :*

1. *Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li iz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Lulju 2008 jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artikolu 66A u Artikolu sussegwenti tal-Kodici Civili.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EM** xehdet illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Lulju 2008 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-27 ta' Marzu 2012 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal, u li m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**KS** xehed u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Lulju 2008 (vide Dok A fol 2) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, datat 27 ta' Marzu 2012 (vide Dok.B 3 et seqq., debitament awtorizzat mill-Qorti) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**